**12 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Francesca Mallia

*versus*

Salvatore Guillaumier

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Destinazzjoni tal-Fond — Ħanut — Store — Appell — Prova.**

*Sentenza tal-Bord tal-Kera li tenunċja prinċipju probatorju fiha pont ta' dritt li jirrendiha appellabbli.*

*Min jallega tibdil ta' destinazzjoni tal-fond minnu mikri għandu jipprova sew id-destinazzjoni oriġinarja kemm it-tibdil tagħha. Jekk mbgħad l-intimat jallega in kuntrarju destinazzjoni diversa, dan jikkostitwixxi kontroprova li tinkombi lilu.*

*Il-fatt li fond mikri bħala ħanut fis-sens ordinarju tal-kelma, i.e. bħala post għall-bejgħ bl-imnut, jibda jiġi wżat bħala store u għall-bejgħ bl-ingrossa, jikkostitwixxi kambjament fid-destinazzjoni tal-fond, u jintitola lill-lokatur għar-ripriża ta' pussess tal-istess fond.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex tiġi awtorizzata tirriprendi pussess tal-ħanut 554 High Street, Hamrun, billi qiegħed jinżamm għal perijodi twal magħluq;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-6 ta' Ġunju 1961, li bih ir-rikorrenti żiedet bħala kawżali li l-intimat qiegħed juża l-post għal skop divers, billi kultant jiġi wżat bħala store;

Rat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-5 ta' Ottubru 1961, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż, u

ġew mogħtija xahrejn żmien lill-intimat biex jiżgombra; billi l-Bord ikkunsidra;

Illi l-fond kien jappartjeni lill-missier ir-rikorrenti, li miet f'Novembru 1960, u krieh lill-intimat fl-1954. "Ex admissis" l-intimat kien ibiegħ bir-"retail", u qiegħed ibiegħ bil-"wholesale" minn ħames snin 'l hawn; ibiegħ żebgħa, żjut, u artikoli oħra ta' ironmonger. Il-klijenti jsibuh fil-post l-ieħor, u jew jordnaw fuq il-kampjun, jew imorru fil-post in kwistjoni biex jaraw. L-intimat jiftaħ il-post biex il-klijenti jirċievu l-merkanzija, jew biex huwa jibgħatha lill-klijenti;

L-intimat jgħid li huwa kera l-post għal skopijiet industrijali u kummerċjali; kellu obligazzjoni li ma rnexxielux isibha. Matul iż-żmien li l-post qiegħed f'idejh ingħalaq darbtejn u reġa nfetaħ, u fil-bidu kien jagħmel l-għamara fil-post, u anki wżah biex jesponi l-għamara u oġġetti oħra. Jingħad li missier ir-rikorrenti kien jaf li qiegħed juża l-post għall-bejgħ bil-"wholesale" u qatt ma għamillu ebda osservazzjoni; kien jgħidlu biss biex iżomm il-post f'kondizzjoni tajba; u meta xi xahrejn qabel ma miet qallu biex jiżbogħ l-armaturi, huwa (l-intimat) kien qallu li aktarx sejjer jiftaħ il-faċċata;

Fil-fehma tal-Bord, irriżulta pruvat li l-fond "de quo" qiegħed jiġi wżat bħala store u għall-bejgħ bil-"wholesale", u fil-parti l-kbira kien magħluq. Dan in-negozju beda jsir biss minn ħames snin 'l hawn; kwindi hemm kambjament tad-destinazzjoni. L-oneri tal-prova illi l-post ittieħed għal skopijiet industrijali u kummerċjali jinkombi lill-intimat li jiċċepiha; iżda din il-prova ma saretx. Hemm anżi ċirkustanza li tirriżulta mix-xhieda stess tal-intimat li turi l-kuntrarju. L-intimat qal illi meta missier ir-rikorrenti qallu biex jiżbogħ l-armatura huwa qallu li aktarx sejjer jiftaħ il-faċċata. Għall-bejgħ bil-"wholesale" żgur li ma hemmx bżonn li tinfetaħ il-faċċata. Mis-skiet ta' missier ir-rikorrenti, li semma l-intimat ma jirriżultax biżżejjed li kien hemm rinunzja;

Rat ir-rikors tal-intimat Salvatore Guillaumier, li bih dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Bord, u talab

ir-revoka tagħha u ċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti Mallia; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata l-Bord enunċja prinċipju probatorju, fejn qal li l-oneri tal-prova illi l-post ittieħed għal skopijiet industrijali u kummerċjali jmiss lill-intimat li eċċepiha. Dan jikkostitwixxi pont ta' dritt, li jirrendi appellabbli s-sentenza. L-appellant jippretendi li fis-sentenza hemm pont ta' dritt deċiż fis-sentenza fejn il-Bord irrileva li "mis-skiet tal-missier li semma l-intimat — appellant — ma jirriżultax biżżejjed li kien hemm rinunzja". Iżda din il-Qorti ma tara ebda pont ta' dritt, imma biss apprezzament ta' provi li l-Bord deherlu li kienu insuffiċjenti. Għaldaqstant, għall-ewwel motiv biss, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità; bl-ispejjeż kontra l-appellata;

Ikkunsidrat;

Illi min jallega tibdil ta' destinazzjoni tal-fond mikri għandu jipprova sew id-destinazzjoni oriġinarja kemm ittibdil tagħha, għax il-provi li jsostnu l-azzjoni jmissu lillattur, u l-konvenut ma għandux jipprova l-fatt negattiv. Skond il-Bord u din il-Qorti f'dan taqbel miegħu, l-appellata din il-prova għamlitha. U tabilħaqq, l-appellant stess stqarr li sa ħames snin ilu l-fond kien użat bħala ħanut fissens ordinarju tal-kelma, għall-bejgħ taż-żebgħa, u kien minn ħames snin 'l hawn li huwa rama' n-negozju tal-bejgħ bl-ingrossa taż-żebgħa u artikoli ta' ironmongery. Dan juri li l-fond inkera mhux għal skopijiet industrijali u kummerċjali ġenerikament, iżda bħala ħanut fis-sens ordinarju tal-kelma għall-bejgħ taż-żebgħa, kif baqa' wżat għal għaxar snin. Il-fatt li xi daqqiet f'dak il-fond f'dawk lgħaxar snin inżebgħet u ġiet eżibita xi għamara wkoll ma kienx iġib tibdil ta' destinazzjoni, għax il-bejgħ bl-imnut taż-żebgħa ssokta xorta waħda. Kontra din il-prova l-appellant xehed li ħa l-ħanut ġenerikament għal skopi industrijali u kummerċjali. Hawnhekk l-appellant allega fatt pożittiv kuntrarju għall-użu effettiv tal-fond minnu stess

mistqarr; u allura, għax "reus excipiendo fit actor", il-fatt minnu allegat, li jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offerta, għandu jiġi pruvat minnu. F'dan is-sens u għal din ir-raġuni l-Bord qal illi l-oneri tal-prova illi l-post ittieħed għal skopijiet industrijali u kummerċjali tinkombi lill-intimat li eċċepiha. F'dan il-Bord ma ddeċieda ebda pont ta' dritt ħażin, għax fil-kontest tar-riżultanzi tal-provi minnu aċċettati ddeċieda sewwa l-pont probatorju;

Ikkunsidrat;

Illi, la darba l-pont ta' dritt kontrovers ġie deċiż sewwa fis-sentenza appellata, u dil-Qorti taqbel miegħu, fl-apprezzament tal-provi li għamel il-Bord din il-Qorti ma tindaħalx, għax fl-apprezzament tal-provi l-Bord mhuwiex sindakabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż mhux ġa maqtugħa xort'oħra kontra l-appellant; iżda tordna li ż-żmien mogħti lill-appellant mill-Bord għall-iżgumbrament jibda jgħaddi mil-lum.